MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 748/2000/1

**Katerina Cachia u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2001, stante l-mewt ta' l-istess Katerina Cachia fil-mori ta' l-appell**
**il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Cachia, Carmelo Cachia u**
**Cynthia Rapa, ilkoll ahwa tal-mejta Katerina Cachia**

**v.**

**Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha**
**u Onorevoli Ministru tas-Sahha**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**ID-DECIZJONI APPELLATA**

1.1. Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-11 ta’ Awissu 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-Onorevoli Ministru tas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju, u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

1.2. Ghall-ahjar intendiment tar-retroxxena li tat lok ghal dana l-appell, qeghda tigi riportata *in toto* s-sentenza appellata, li kienet iddecidiet hekk:

“Il-Qorti,

“Rat ir-rikors ta’ Katerina Cachia, pprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2000, kif modifikat bid-digriet tat-30 ta’ Mejju, 2000 (fol.21, 22), li fih ppremettiet:

“1. Illi hija qiegheda tbati minn *advanced cancer of the breast*. Diversi forom ta’ kura gew ippruvati izda minghajr success sostenut, u, skond l-opinjoni medika moghtija lilha minn konsulenti barranin, l-unika alternattiva li fadlilha hija l-kura permezz ta’ Taxotere b’doza ta’ 75mg/m2;

“2. Illi minhabba l-ispiza konsiderevoli li dina l-kura tinvolvi, l-intimati qeghdin jirrifjutaw li jipprovdulha din il-kura a spejjez tal-Gvern avolja jafu li din tista’ effettivament issalvalha hajjitha;

“3. Illi ghalkemm l-intimati jsostnu li din il-kura tista’ biss “ittawwal il-hajja bi ftit gimghat”, fir-realta` kif appena hija bdiet it-trattament bit-Taxotere fuq rakkommandazzjoni tar-Royal Marsden Hospital ta’ l-Ingilterra, provdut a spezzjez ta’ dawk ta’ madwarha, hija bdiet mill-ewwel turi sinjali ta’ titjib;

“4. Illi, ghalkemm, minhabba ragunijiet medici u ta’ etika, ir-rifjut ta’ din il-kura li tista’ ssalvalha hajjitha ma

jista' qatt jigi gustifikat, l-intimati baqghu jirrifjutaw li jbiddlu d-decizjoni taghhom;

"5. Illi, barra dan, l-intimati, ghall-ewwel cahdu li pazjenta ohra kienet inghatat Taxotere a spejjez tal-Gvern, izda wara ammettew li l-pazjenta l-ohra nghatat Taxol a spejjez tal-Gvern. Taxotere huwa 'analogue' ta' Taxol, u t-tnejn jappartjenu lill-grupp ta' medicinali msejjah 'Taxanes' jew 'Taxoids', u t-tnejn jinsabu fuq il-lista ta' medicinali li jaghti pariri dwarhom it-*Therapeutic Drug Committee*[1];

"6. Illi minn stharrig irrizulta li l-intimati, fil-kaz tal-pazjenta l-ohra, irragunaw li Taxol seta' jinghata minflok Taxotere, filwaqt li fil-kaz ta' l-esponenti qeghdin jghidu li Taxol u Taxotere huma "totalment differenti", u din hija inkonsistenza palesi;

"7. Illi jibqa' l-fatt illi l-pazjenta l-ohra nghatat it-trattament a spejjez tal-Gvern, filwaqt li l-esponenti giet rifjutata t-trattament kif ukoll c-cans ta' fejqan, u dan bi pregudizzju ghad-dritt ghall-hajja. M' ghandux ikun li persuna wahda tigi somministrata medicini tal-grupp 'Taxanes' jew 'Taxoids', filwaqt li persuna ohra tigi rifjutata l-istess medicinal;

"8. Illi r-rikorrenti thallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali bhac-cittadini l-ohra u ghalhekk hija intitolata daqs haddiehor;

"9. Illi dan l-agir ta' l-intimati jilledi serjament id-dritt fondamentali ghall-hajja garantit mill-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 2 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll id-dritt ghall-protezzjoni tal-harsien minn diskriminazzjoni kif garantit fl-artikolu 14 ta' l-Ewwel Protokol tal-Kap. 319; illi inoltre dan l-agir ta' l-intimati jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti u jilledi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;

[1] Recte: Drug and Therapeutics Committee.

“Premess dan, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghha jigu protetti, billi tiddikjara li c-cahda ta’ dan it-trattament jilledi l-imsemmija drittijiet fondamentali taghha u tordna li t-trattament bit-Taxotere jigi provdut immedjatament mill-Gvern ta’ Malta jew a spejjez tal-Gvern ta’ Malta mill-intimati, u tordna lill-intimati jirrifondu lill-familja taghha l-ispejjez li ntefqu s’issa biex gie provdut dan it-trattament, bl-ispejjez. Ir-rikorenti talbet ukoll li l-kawza tinstema’ b’urgenza.

“**<u>Ir-Risposti</u>**

“Rat ir-risposta tal-intimati tas-26 ta’ Mejju, 2000, li fiha jinghad hekk:

“1. Illi l-medicina “Taxotere” ma tikkurax il-marda ta’ kancer izda ittawwal il-hajja bi ftit gimghat;

“2. Illi l-ebda pazjent ma qed jinghata din il-medicina “Taxotere” u ghalhekk ma qed issehh l-ebda diskriminazzjoni kontra Katerina Cachia, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur. Di piu` l-medicina “Taxol” hija differenti mit-“Taxotere” u dan kif ser jigi spjegat fil-prosegwiment tal-kawza;

“3. Illi d-decizjoni illi Katerina Cachia ma tinghatax il-medicina “Taxotere” ma tistax titqies bhala wahda illi tmur kontra d-dritt tal-hajja. Dan ta’ l-ahhar qed jigi minaccat biss mill-marda tal-kancer illi qed taffliggi lil imsemmija Katerina Cachia, u dan kollu fid-dawl illi l-istess “Taxotere” ma tikkurax il-marda msemmija;

“4. Illi ghalkemm ic-cittadin ihallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali dan ma jintitolahx awtomatikament ghal uzu ta’ medicini a spejjez minn fondi pubblici, illi huwa jidhirlu li jkollu bzonn. Medicini jinxtraw biss wara process ta’ deliberazzjoni fejn jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-effett tal-medicina u r-rizorsi finanzjarji;

"In vista ta' dan, l-intimati talbu li din il-Qorti tichad, bl-ispejjez, it-talbiet avanzati minn Katerina Cachia.

"Rat ir-risposta addizzjonali tal-intimati, presentata fl-1 ta' Gunju, 2000, li permezz taghha huma fissru (1) illi l-agir taghhom b'ebda mod ma jista' jitqies illi qed jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnha pretiz; (2) illi di piu` l-azzjoni vantata mir-rikorrenti hija mmirata kontra decizjoni amministrattiva u ghalhekk l-azzjoni gudizzjarja li kellha tigi istitwita hija ta' "judicial review" kif previst taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u mhux dik prezenti kostituzzjonali; u (3) illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti; rat l-ordni tas-surroga ta' l-Imhallef sedenti, maghmul mill-Eccellenza Tieghu il-President ta' Malta, tat-18 ta' Lulju, 2000; rat id-decizzjoni taghha tal-21 ta' Lulju, 2000, li biha cahdet it-talba ghall-kjamata in kawza tal-onkologu Dott. Stephen Brincat; semghet il-provi fid-diversi udjenzi wara d-data tas-surroga; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

"**<u>Il-Fatti</u>**

"1. Il-fatti relevanti ta' din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti hija afflitta mill-marda tal-kancer tas-sider, li jinsab fi stadju avanzat, anzi aktar precisament fi stadju ta' metastasi, jigifieri beda jinfirex f'organi ohra tal-gisem. Aktar kmieni din is-sena, wara li l-marda taghha ma baqghetx tirrispondi ghat-tip ta' kimoterapija li kienet qed tircevi, hija marret, a spejjez taghha, l-Ingilterra fejn konsulent onkologu fir-Royal Marsden Hospital ta' Londra irrakkomandalha l-uzu tad-droga Taxotere (ara d-dokument VM2 a fol. 163; ara wkoll id-dokument R3, a fol. 73, fejn jinghad "Taxotere is the most appropriate chemotherapy drug for you to receive…there is no doubt that this is clinically proven to be the most effective drug in this setting"). Dan il-parir, cioe` dwar l-uzu tat-Taxotere, kien kondiviz ukoll mill-onkologu lokali li qed jikkuraha f'Malta, it-Tabib Victor Muscat. It-Taxotere hija droga

ghalja; mill-provi – senjatament id-dokumenti ezibiti mill-intimat Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sahha (Dott. Ray Busuttil), u minn oht ir-rikorrenti Mary Cachia, fl-udjenza tat-2 ta' Awissu, 2000 – jirrizulta li fjal wiehed ta' 80 milligramma Taxotere jiswa 'l fuq minn erba' mitt lira. Ghalhekk f'Marzu ta' din is-sena hija applikat, tramite l-onkologu li qed jikkuraha, sabiex tinghata din il-medicina b'xejn mid-Dipartiment tas-Sahha. It-talba taghha giet rifjutata mill-intimat Direttur Generali (dak li qabel kien maghruf bhala t-Tabib Principali tal-Gvern) mhux biss ghax ic-*chairman* tad-*Drug and Therapeutics Committee* (DTC) kien ta parir negattiv lill-imsemmi intimat f'dan ir-rigward (jigifieri ma kienx tal-parir li din id-droga tinxtara minn fondi pubblici), izda wkoll ghax ma kinitx giet segwita l-procedura normali ghal tali applikazzjoni.

"2. Hu opportun f'dana l-istadju li wiehed jispjega ftit, u kif irrisulta mill-provi, x'inhi l-procedura sabiex id-Dipartiment tas-Sahha jixtri medicina jew droga gdida b'mod li din tkun tista' tigi moghtija b'xejn lil dawk in-nies (pazjenti) li jkunu jehtiguha. Fi hdan l-imsemmi Dipartiment tas-Sahha hemm il-kumitat aktar 'l fuq imsemmi, cioe` id-*Drug and Therapeutics Committee* (DTC). Dan il-kumitat jaghti <u>parir</u> lid-Direttur Generali jekk medicina jew droga partikolari ghandhiex tinxtara jew le mid-Dipartiment. Id-decizjoni finali tibqa' dejjem tad-Direttur Generali, li jista' jaccetta jew jirrifjuta dak il-parir. Kif fisser ic-*chairman* ta' dan il-kumitat, it-Tabib Carmel Mallia (kemm fix-xiehda tieghu tal-15 ta' Gunju, 2000, fol. 35 *et seq.*, kif ukoll f'dik tal-25 ta' Lulju, 2000, fol. 117 *et seq.*), qabel ma dan il-kumitat jaghti l-parir tieghu jiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom – u forsi l-aktar importanti – il-vantaggi ghall-pazjent jew pazjenti li wiehed ikun jistenna minn dik il-medicina meta mqabbla mal-vantaggi ta' medicini ohra li jkunu diga provvduti mid-Dipartiment; fi kliem iehor, il-"cost effectiveness" tal-medicina partikolari fil-kwadru ta' rizorsi limitati. Qabel Gunju/Lulju tal-1999 dan il-kumitat kien jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu "on a named patient basis", jigifieri kien jirrakkomanda o meno droga partikolari fir-rigward ta' pazjent partikolari individwat b'ismu u kunjomu. Ftit wara li d-Direttur Generali presenti, it-Tabib Ray

Busuttil, ha l-kariga tieghu hu dahhal procedura gdida (minn Lulju tal-1999 'l quddiem) fis-sens li r-rakkomandazzjoni tad-DTC ma kellhiex tkun aktar fir-rigward ta' pazjent partikolari. Il-procedura l-gdida kienet tirrikjedi li d-DTC jirredigi protokoll li jindika meta u taht liema cirkostanza kellha tintuza medicina partikolari – li x-xiri taghha jkun qed jigi rakkomandat – u jekk pazjent ikun jinkwardra fit-termini ta' dak il-protokoll, u, naturalment, jekk ix-xiri ta' dik id-droga tkun approvata mid-Direttur Generali, allura dak il-pazjent ikun intitolat ghal dik il-medicina li jipprovdilu b'xejn id-Dipartiment. Fil-kaz tar-rikorrenti, kif inghad, ma kinitx giet segwita din il-procedura gdida meta saret l-ewwel applikazzjoni ghat-Taxotere. Ghalhekk l-intimat Direttur Generali baghat il-*file* lura lid-DTC sabiex dan isegwi l-procedura korretta. Id-DTC rega' ddiskuta l-uzu tat-Taxotere ghat-trattament ta' "advanced cancer of the breast"; u r-rakkomandazzjoni tieghu regghet kienet fin-negattiv. Fi kliem iehor, <u>bhala stat ta' fatt, id-Dipartiment tas-Sahha qed jirrifjuta li jipprovdi t-Taxotere minn fondi pubblici</u> mhux biss lir-rikorrenti izda anke lil nisa ohra li huma afflitti bl-istess marda, u huma fl-istess stat, bhar-rikorrenti.

"3. Mill-provi jirrisulta wkoll li t-Taxotere (id-desinjazzjoni xjentifika tieghu hija "docetaxel") illum huwa wiehed minn <u>zewg</u> "taxanes" li fil-kamp mediku u farmacewtiku qed jigu rakkomandati ghall-uzu fil-kaz ta' certi forom ta' kancer, inkluz "advanced cancer of the breast", meta terapiji ohrajn ikunu jew fallew jew ma jkunux altrimenti indikati. It-"taxane" l-iehor huwa t-Taxol ("paclitaxel"). Issa, fir-rigward tat-<u>Taxol</u> (li hu ghali daqs, jekk mhux addirittura ftit aktar ghali, mit-Taxotere) din id-droga giet provduta b'xejn mid-Dipartiment tas-Sahha bejn Marzu tal-1994 u Gunju tal-1999 (wara rakkomandazzjoni mid-DTC "on a named patient basis") lil hames pazjenti ghall-kura tal-kancer <u>tal-ovarju</u>, u lil pazjenta wahda (MGM) ghall-kancer tas-sider (ara d-dokumenti T1 u T2, a fol. 187 u 188, u d-deposizzjoni tal-intimat Dott. Busuttil a fol. 178 sa 181). Din il-pazjenta – MGM – kienet inghatat it-Taxol ghall-kancer tas-sider wara li kienet giet approvata (mid-Direttur Generali ta' dak iz-zmien) l-istess medicina ghaliha <u>pero` ghall-kancer ta' l-ovarju</u> (ara l-"approval" tas-

27 ta' Frar, 1997 fuq id-dokument T1, fol. 187). Jekk it-talba taghha ghat-Taxol ghall-kancer ta' l-ovarju kinitx semplici manuvra, da parti taghha jew tat-tabib taghha, sabiex tigi assigurata fi kwalunkwe kaz it-Taxol, mhuwiex car. Li hu zgur hu li anke qabel l-"approval" tas-27 ta' Frar, 1997, u precisament fil-11 ta' Dicembru, 1996, hi kienet giet moghtija b'xejn ghaxar fjali ta' Taxol minn "stock" li kellu d-Dipartiment u li kien ingab ghal xi pazjenta ohra (ara Dok. T2 u d-deposizzjoni ta' Dott. Busuttil a fol. 178). Wara Gunju 1999 (cioe` wara l-introduzzjoni tal-procedura l-gdida ghat-DTC) it-Taxol ma giex approvat aktar mid-Direttur Generali, minkejja rakkomandazzjoni favorevoli tad-DTC, hlief ftit gimghat ilu meta t-Taxol gie finalment approvat skond protokoll partikolari ghall-kura tal-kancer ta' l-ovarju. Dejjem wara Gunju tal-1999, pero`, kien hemm pazjenta wahda (CM) li, wara li kienet diga bdiet kors ta' Taxol (ghall-kancer tas-sider) li hallset ghalih minn butha, irrisulta li kellha bzonn aktar minn din il-medicina. Peress li kien ghad baqa' tmien fjali minn ordni maghmul precedentement ghal pazjenta ohra u li ma kienux intuzaw ghal din il-pazjenta l-ohra, u peress li dawn il-fjali (jew ahjar, il-kontenut taghhom) kienu waslu biex jiskadu, flok ma thallew jiskadu u intremew gew utilizzati fuq din il-pazjenta CM. Ghall-uzu ta' dawn it-tmien fjali fil-kaz ta' CM ma jirrisultax li kien hemm bzonn l-approvazzjoni ta' l-intimat Direttur Generali (ara fol. 116). It-Taxotere, pero`, qatt ma gie rakkomandat mid-DTC, u qatt ma gie approvat mid-Direttur Generali, ghal ebda pazjent/a u ghal ebda forma ta' kancer.

"4. Ghalkemm l-abbili difensur tar-rikorrenti pprova jfisser li t-Taxol u t-Taxotere huma prattikament l-istess haga – hu juza l-kelma "interchangeable" – din il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi li dawn, ghalkemm ghandhom l-istess origini (gejjin mill-istess pjanta), huma zewg drogi differenti, b'komposizzjoni kimika differenti u anke "side-effects" differenti. Certament huma t-tnejn indikati ghat-trattament ta' certu tipi ta' kancer, fosthom il-kancer tas-sider li jkun wasal f'certu stadju, peress li t-tnejn huma intizi li jaghmlu l-istess haga – *in layman's terms*, li joqtlu c-celluli tal-kancer (ara d-deposizzjoni ta' Dott. Mario Griscti, fol. 59). Fi kliem Dott. Stephen Brincat:

*"Jien nghid li t-Taxotere u t-Taxol ghalkemm huma droga tal-istess hekk imsejjha familja, pero` huma drogi differenti, u wiehed ma jistax jghid li l-effett tat-Taxol u l-effett tat-Taxotere ha jkunu l-istess. Lanqas wiehed jista' jghid li dawn id-drogi ha jkollhom l-istess effett fuq pazjenti differenti, ghaliex prattikament kull pazjent jirreagixxi xi ftit jew wisq b'mod differenti anke ghall-istess droga. S'intedi dejjem hemm il-possibilita` li l-istess droga jkollha l-istess effett fuq pazjenti differenti. Ma hix xi haga li wiehed jista' jghida b'certezza…li nista' nghid li huma t-tnejn drogi li huma utili ghall-kura ta' certa tipi ta' cancer. Pero` s-*side-effects *taghhom ikunu differenti, l-istudji li saru fuqhom huma differenti, wiehed ma jistax jghid li dawn huma* interchangeable*…Naturalment aktar ma jkollok drogi li tista' tipprova, halli tittestja fuq pazjent partikolari, dejjem ahjar"* (fol. 143-144).

"5. Mill-provi jirrisulta li wara li r-rikorrenti bdiet tiehu t-Taxotere, il-kundizzjoni taghha tjiebet, fis-sens li kellha "partial remission": mhux biss il-marda ma pprogredietx izda kien hemm anke tnaqqis zghir fil-marda, u llum tinsab f'kundizzjoni stabbli. Fi kliem l-onkologu li qed jikkuraha: *"Nista' nghid u nuza l-espressjoni ingliza:* she is holding her own*, litteralment qeghda tghix bil-marda"* (fol. 150). Dan hu konfermat ukoll mill-ittra tal-konsulent tar-Royal Marsden Hospital tal-10 ta' Lulju, 2000 (Dok. VM4, fol. 167), fejn ir-rikorrenti regghet marret (presumibbilment a spejjez taghha) ghal konsulta f'Lulju[2]. Jekk it-Taxotere hux ser ifejjaq kompletament lir-rikorrenti jew jekk hux ser itawlilha hajjitha b'tant numru ta' xhur jew tant numru ta' snin, hadd ma jista' jghid b'certezza. Sa issa r-rikorrenti hadet seba' "cycles" ta' Taxotere (ara Dok. MC, fol. 191). Tnejn minn dawn is-"cycles" – total ta' Lm1540.52 – thallsu minn fondi ta' karita` partikolari. Il-kumplament – Lm3445.88 – thallsu mir-rikorrenti (jew minn min qed jghina f'din l-ispiza mhux zghira li ghandha).

"6. Huwa fil-kwadru ta' dawn il-fatti li r-rikorrenti qed tallega li gew miksura jew qed jigu miksura jew li x'aktarx

---

[2] Ara wkoll id-deposizzjoni ta' Dott. Pierre Vassallo, u r-rapport tieghu Dok. PV1 a fol. 169).

ser jigu miksura fil-konfront taghha id-drittijiet kif protetti bl-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikoli 2, 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"**Il-Ligi**

"1. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-punti ta' dritt involuti f'din il-kawza, huwa opportun li wiehed jiccara punt partikolari. Din il-Qorti mhix imsejjha biex tghaddi gudizzju etiku, morali jew politiku dwar l-operat ta' l-intimati, izda biss biex taghti gudizzju legali (jigifieri skond il-ligi) u dan limitatament ghar-rifjut tad-Dipartiment tas-Sahha li jipprovdi medicina partikolati – Taxotere – lir-rikorrenti minn fondi pubblici fic-cirkostanzi aktar 'l fuq spjegati. Anqas ma hi din il-Qorti msejjha biex tiddeciedi dwar jekk f'Malta l-Istat hux jipprovdi l-ahjar kura medika possibbli ghall-marda tal-kancer tas-sider, jew jekk f'Malta l-incidenza ta' din il-marda hix oghla minn dik f'pajjizi ohra ta' l-Ewropa. Dak li din il-Qorti hi msejjha biex tiddeciedi hu biss jekk l-agir ta' l-intimati fic-cirkostanzi fuq imfissra jiksirx o meno d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli tal-ligi appena msemmija. Kif fisser l-allura Master of the Rolls ta' l-Ingilterra, Sir Thomas Bingham (illum Lord Bingham of Cornhill) fil-kaz ***R. v. Cambridge Health Authority, ex p. B (a minor)*** [1995] 1 WLR 898: *"…The Courts are not, contrary to what is sometimes believed, arbiters as to the merits of cases of this kind*[3]*. Were we to express opinions as to the likelihood of the effectiveness of medical treatment, or as to the merits of medical judgment, then we should be straying far from the sphere which under our constitution is accorded to us. We have one function only, which is to rule upon the lawfulness of decisions. This is a function to which we should strictly confine ourselves"* (at 905).

"2. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tiddisponi – sommarjament – minn zewg punti, wiehed aktar preliminari mill-iehor, sollevati mill-intimati. Fir-risposta taghhom ta' l-1 ta' Gunju, 2000 l-intimati effettivament stiednu lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-

[3] Kazijiet ta' "judicial review".

setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan peress li, skond huma, hemm rimedju iehor – dak ta' "judicial review" taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 – li r-rikorrenti ma utilizzatx. Issa, huwa veru li r-rikorrenti setghet ipprocediet b'azzjoni ghal "judicial review"; hi, pero`, ghazlet li tipprocedi b'kawza kostituzzjonali billi qed tallega ksur tad-drittijiet fondamentali taghha. Fic-cirkostanzi tal-kaz, u tenut kont tal-punti ta' interess generali involuti fir-rikors promotur, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha semplicement ghax hemm, jew kien hemm, rimedju iehor a disposizzjoni tar-rikorrenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' l-intimati qed tigi respinta.

"3. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-abbili difensur ta' l-intimati, l-Avukata Dott. Brigitte Gafa`, issottomettiet li l-intimat Onorevoli Ministru tas-Sahha kien gie imharrek hazin, ossia inutilment. Din il-Qorti ser takkolji din is-sottomissjoni. Ghalkemm fir-rikors promotur jinghad li l-<u>intimati</u> (fil-plural) qed jirrifjutaw li jaghtu l-kura b'xejn lir-rikorrenti, mill-provi jirrisulta li l-Ministru tas-Sahha ma jidhol xejn f'din il-kwistjoni. Fejn kien hemm decizzjonijiet x'jittiehdu, dawn ittiehdu mid-Direttur General (it-Tabib Ray Busuttil). Bhala fatt – dejjem skond il-provi – il-Ministru tas-Sahha ma jidhol assolutament xejn fir-rifjut tat-Taxotere lir-rikorrenti. Konsegwentement il-Qorti tara li ghandha mill-ewwel tillibera lill-intimat Onorevoli Ministru tas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju.

"**<u>Protezzjoni tad-Dritt ghall-Hajja</u>**

"1. Nigu issa ghad-disposizzjonijiet tal-ligi li l-vjolazzjoni taghhom qed tigi allegata mir-rikorrenti. Is-subartikolu (1) tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li *"Hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu <u>intenzjonalment</u> hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati"* (sottolinear tal-Qorti). Isegwu, imbaghad, fis-subartikolu (2) xi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dan il-kaz. Is-subartikolu (1) tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk: *"Id-dritt ghall-hajja ta' kulhadd ghandu jigi protett*

*b'ligi. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-hajja tieghu* *intenzjonalment* *hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jigi misjub hati ta' delitt li dwaru tkun provduta mill-ligi din il-piena"* (sottolinear ukoll tal-Qorti). Isegwu wkoll xi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dan il-kaz. Kif jista' jigi nnotat, is-subartikolu (1) tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni hu sostanzjalment l-istess bhat-tieni parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni. L-emfazi qieghda fuq it-tnehhija intenzjonali tal-hajja, jigifieri li wiehed deliberatament (ghax irid) inehhi l-hajja (jew jipprova jnehhi l-hajja) ta' dak li jkun, jew ikun "reckless" fl-ghemil tieghu li jwassal jew li jista' jwassal ghat-tnehhija tal-hajja. Inoltre, l-ewwel sentenza tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 2 timponi l-obbligu fuq l-Istat li jipprotegi l-hajja b'ligi. Dan l-obbligi jintlahaq mill-Istat meta jippenalizza t-tnehhija doluza jew kolpuza tal-hajja, u meta jiehu l-passi mehtiega biex jipprosegwixxi kontra min ikun hekk nehha l-hajja. L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom ***Law of the European Convention on Human Rights*** (Butterworths, 1995) jaccennaw ghal decizjoni tal-Kummissjoni (mhux tal-Qorti) (fil-kaz ***X v. UK*** no. 7154/75, 14 DR 31 (1978)) fejn l-imsemmija Kummissjoni esprimiet ruhha fis-sens li l-Artikolu 2(1) *"enjoins the state not only to refrain from taking life* intentionally *but, further, to take appropriate steps to safeguard life".* Dwar dan il-mod ta' espressjoni tal-Kummissjoni, l-awturi msemmija jghidu hekk: *"This could be read very widely so as to require a state to take positive "steps" to make adequate provision for medical care, or for food and shelter or a healthy working or living environment. Alternatively, it could mean only that where a state has taken on a responsibility such as that involved in the operation of a public vaccination scheme, it will be liable under Article 2 for any negligence that results in death…The interpretation of Article 2 so as to establish positive obligations of the kind just described would present problems of causation on the facts of particular cases and would probably take the Convention further in the direction of protecting social rights than was intended by the drafting states"* (pp. 40, 41; sottolinear ta' din il-Qorti). Jinghad ukoll, ghall-kompletezza ta' l-istampa, li l-uniku kaz meta jidher li tqajjmet il-kwistjoni mhux ta' "adequate medical care" izda ta' "free medical

treatment" kien fil-kaz ***X v. Ireland*** no. 6839/74, 7 DR 78 (1976). F'dak il-kaz, pero`, il-Kummissjoni baqghet ma ppronunzjat ruhha b'ebda mod dwar il-kwistjoni – fil-fatt l-applikazzjoni, ghal diversi ragunijiet, kienet giet dikjarata "manifestly ill-founded" – u konsegwentement anqas il-Qorti Ewropea ma ppronunzjat ruhha.

"2. La l-kapitolu dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu tal-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jaghtu d-dritt ghall-kura medika b'xejn[4]. Fil-kaz in dizamina b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jew tal-ligi ma jista' jinghad li l-intimat Direttur Generali qieghed jaghmel xi haga deliberatament bil-hsieb li joqtol lir-rikorrenti, jew li qieghed jaghmel xi haga "recklessly" fil-konfront tal-hajja taghha. Id-decizjoni ta' l-intimat imsemmi f'din il-kawza hi biss motivata mill-htiega ta' l-allokazzjoni ta' rizorsi necessarjament limitati bl-ahjar mod possibbli fl-interess tal-pazjenti <u>kollha</u> tad-Dipartiment tas-Sahha. Anke li kieku wiehed kellu jaghti interpretazzjoni hekk imsejjha "dinamika" tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni (b'mod li wiehed jibda jenforza "social rights" minflok "fundamental human rights" – haga li din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha taghmel ghax tkun qed tmur oltre l-iskop u l-kliem cari tal-ligi) u jghid li taht l-Artikolu 2(1) l-istat hu obbligat "to make adequate provision for medical care", f'dan il-kaz xorta ma jistax jinghad li hemm ksur tal-Artikolu 2(1). Dak li qed jigi negat lir-rikorrenti mhux "adequate medical care" izda kura (medicina) <u>partikolari</u> li d-Dipartiment tas-Sahha jidhirlu li f'dan l-istadju ghadu mhux gustifikat li jipprovdi b'xejn lill-pazjenti kollha tieghu li jinsabu fl-istess kundizzjoni tar-rikorrenti. Fi kliem Sir Thomas Bingham (dejjem fil-kuntest ta' kawza ghal "judicial review"): *"It is common knowledge that health authorities of all kinds are constantly pressed to make ends meet. They cannot pay their nurses as much as they would like to; they cannot provide all the treatments they would like; they cannot purchase all the extremely*

---

[4] Ara, fir-rigward tal-Konvenzjoni, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-Ingilterra fil-kawza ***North West Lancashire Health Authority v. A and others*** (1999) 5 BMLR 148, li ghaliha rriferiet id-difensur tal-intimati. L-uniku accenn, indirett, li hemm ghal kura medika fil-Kostituzzjoni huwa fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 17, cioe` fid-dikjarazzjoni ta' principji li <u>ma humiex ezegwibbli f'xi qorti</u> (ara Artikolu 21).

*expensive medical equipment they would like; they cannot carry out all the research they would like, they cannot build all the hospitals and specialist units they would like. Difficult and agonising judgments have to be made as to how a limited budget is best allocated to the maximum advantage of the maximum number of patients. That is not a judgment which the court can make”* (***R. v. Cambridge Health Authority ex p. B (a minor)***, supra, 906).

“3. Fid-dawl ta’ dak kollu li ghadu kif intqal, din il-Qorti hi sodisfatta li bl-agir tieghu l-intimat Direttur Generali la kiser, la hu qed jikser u lanqas li x’aktarx ser jikser id-dritt tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 33(1) tal-Kostituzzjoni.

“**Protezzjoni minn Trattament Inuman jew Degradanti**

“1. L-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk: *“Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti”.* L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jghid hekk: *“Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti”.* Fil-kaz in ezami ma hemmx kwistjoni – u anqas qed jigi minimament allegat – ta’ xi tortura jew piena. Qed jigi allegat biss li r-rifjut tad-Dipartiment tas-Sahha li jipprovdi t-Taxotere b’xejn lir-rikorrenti jammonta ghal trattament inuman jew degradanti.

“2. Kif jispjegaw van Dijk u van Hoof fit-tielet edizzjoni tal-ktieb ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Kluwer, The Hague, 1998): *“There is no abstract, absolute standard for the kinds of treatment and punishment prohibited by Article 3. The question whether a treatment or punishment is inhuman or degrading must be judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time”* (p. 311). Bhala regola, u a bazi ta’ dak li gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz ***Ireland v. United Kingdom*** (18/1/78), ikun hemm trattament inuman meta jkun hemm “the infliction of intense physical or mental suffering”, filwaqt li trattament degradanti jinkludi “ill-treatment

designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance" (ara wkoll ***Short Guide to the European Convention on Human Rights***, Council of Europe, Strasbourg, 1998, p.12). Biex trattament, jew ahjar maltrattament, jista' jinghad li jammonta ghal trattament inuman jew degradanti (jew it-tnejn) *"…it must attain a minimum level of severity…The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim"* (***Ireland v. United Kingdom***, 18/1/78, A.21 (1978) p.65).

"3. L-abbili difensur tar-rikorrenti, l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi, irrefera lill-Qorti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tat-2 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet ***D. v. United Kingdom***, u sahaq hafna li b'analogija mal-fatti kif jirrisultaw minn dan il-kaz, din il-Qorti ghanda wkoll issib fil-kaz tar-rikorrenti Cachia ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (u tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni). Din il-kawza (ta' ***D***) kienet tirrigwarda persuna mill-gzira zghira ta' St. Kitts (fil-Karibu) li waqt li kien qed jiskonta piena ta' prigunerija f'habs fl-Ingilterra, instab li kien ibati mill-AIDS. Hu beda jinghata l-kura fl-Ingilterra. Meta gie biex jiskonta s-sentenza tieghu, l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni inglizi riedu jiddeportawh lura lejn St. Kitts. Il-Qorti Ewropea qalet hekk: *"51. The Court notes that the applicant is in the advanced states of a terminal and incurable illness. At the date of the hearing, it was observed that there had been a marked decline in his condition and he had to be transferred to a hospital. His condition was giving rise to concern. The limited quality of life he now enjoys results from the availability of sophisticated treatment and medication in the United Kingdom and the care and kindness administered by a charitable organisation. He has been counselled on how to approach death and has formed bonds with his carers. 52. The abrupt withdrawal of these facilities will entail the most dramatic consequences for him. It is not disputed that his removal [to St. Kitts] will hasten his death. There is a serious*

*danger that the conditions of adversity which await him in St. Kitts will further reduce his already limited life expectancy and subject him to acute mental and physical suffering. Any medical treatment which he might hope to receive there could not contend with the infections which he may possibly contract on account of his lack of shelter and of a proper diet as well as exposure to the health and sanitation problems which beset the population of St. Kitts. While he may have a cousin in St. Kitts no evidence has been adduced to show whether this person would be willing to or capable of attending to the needs of a terminally ill man. There is no evidence of any other form of moral or social support. Nor has it been shown whether the applicant would be guaranteed a bed in either of the hospitals on the island which, according to the Government, care for AIDS patients. 53. In view of these exceptional circumstances and bearing in mind the critical stage now reached in the applicant's fatal illness, the implementation of the decision to remove him to St. Kitts would amount to inhuman treatment by the respondent state in violation of Article 3…54. Against this background the Court emphasises that aliens who have served their prison sentences and are subject to expulsion cannot in principle claim any entitlement to remain on the territory of a Contracting State in order to continue to benefit from medical, social or other forms of assistance provided by the expelling State during their stay in prison. However, in the very exceptional circumstances of this case and given the compelling humanitarian considerations at stake, it must be concluded that the implementation of the decision to remove the applicant would be a violation of Article 3"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"4. Din il-Qorti ma tarax x'analogija tista' tigbed bejn il-kaz ta' ***D*** u l-kaz tar-rikorrenti odjerna. Kif jidher car mis-silta appena kkwotata, ic-cirkostanzi fil-kaz ta' ***D*** kienu eccezzjonali jew addirittura eccezzjonali hafna. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti tidher li hi ferm differenti. Ghalkemm hi ghazlet li tmur taghmel konsulti barra minn Malta, f'Malta hi tista' taghmel uzu (u, ghalkemm ma hemmx prova cara dwar dan, jidher li ghamlet uzu) mill-facilitajiet medici li l-istat ipoggi a disposizzjoni tac-cittadini

minghajr hlas. Mhux qed jigi allegat jew b'xi mod suggerit li dawn il-facilitajiet qed jigu michuda lilha. L-unika haga li l-istat, tramite d-Dipartiment tas-Sahha, mhux qed jpprovdi – la lilha u lanqas lil hadd – hi trattament (fis-sens ta' kura medika) bl-uzu ta' droga partikolari (it-Taxotere), u dan fil-kwadru ta' l-allokazzjoni tar-rizorsi tad-Dipartiment tas-Sahha kif ga spjegat. Minkejja dan, ir-rikorrenti din il-kura bit-Taxotere qed tirceviha – certament b'sagrificcju kbir finanzjarju ghaliha u ghal haddiehor. La l-intimat Direttur Generali u lanqas l-istat ma huma jheddu li din il-kura ser titwaqqaf minnhom, b'detriment ghas-sahha u eventwalment ghall-hajja taghha. Il-Qorti hawnhekk tippreciza li r-rikors promotur b'ebda mod ma jindirizza l-ipotezi ta' x'jigri (inkluz xi droga ohra tista' tinghata) jekk u meta ir-rizorsi finanzjarji tar-rikorrenti ma jkunux jippermettulaha aktar li tixtri t-Taxotere; u din il-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra ipotezijiet li lanqas biss ikunu gew avanzati fir-rikors promotur tal-kawza u ghalhekk li dwarhom ma jkunux ingabu provi. Kwantu ghall-istat mentali tar-rikorrenti u l-*quality of life* taghha fid-dawl tar-rifjut tad-Dipartiment tas-Sahha li jipprovdilha t-Taxotere, propjament ma ingabux provi; pero` din il-Qorti anqas tahseb li kien hemm ghalfejn li jingiebu provi. Kwazi kulhadd, inkluz l-Imhallef sedenti, jaf lil xi hadd – habib jew membru tal-familja – li jbati b'xi forma ta kancer; u ghalhekk kulhadd jaf l-istat ta' ansjeta` li l-marid ikun fih, kif ukoll l-istat ta' ansjeta` ta' dawk ta' madwaru – ansjeta` u qtih il-qalb li hafna drabi l-Miserikordja Divina biss tista` ttaffi. Certament ma jghinx biex tittaffa din l-ansjeta` l-fatt li d-Dipartiment tas-Sahha ma jipprovdix minn fondi pubblici xi kura partikolari; pero` anqas ma jista' jinghad li tali rifjut necessarjament jammonta ghal trattament inuman u/jew degradanti kif ravvizat fil-Konvenzjoni u fil-Kostituzzjoni.

"5. Ghalhekk, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq il-provi u hadet in konsiderazzjoni x'tghid il-gurisprudenza u x'jghidu l-awturi in tema ta' trattament inuman u degradanti, hi tal-fehma li ma jistax jinghad li bir-rifjut li jigi provdut it-Taxotere b'xejn l-intimat Direttur Generali qieghed jitratta lir-rikorrenti b'mod inuman u/jew degradanti. Tali rifjut certament jammonta ghal decizzjoni iebsa u li jista' jkollha konsegwenzi serji fuq ir-rikorrenti

bhalma jista' jkollha konsegwenzi serji fuq nisa ohra fl-istess posizzjoni ossia kondizzjoni taghha. Pero` fil-kaz konkret tar-rikorrenti ma jistax jinghad li tali decizjoni, jew il-konsegwenzi taghha, jammontaw ghal trattament inuman jew degradanti.

"**L-Allegazzjoni ta' Diskriminazzjoni**

"1. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi li *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni*[5] *bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, ecc."*.

"2. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur tar-rikorrenti, il-"grounds of discrimination" (sess, razza, kulur ecc.) imsemmija f'dana l-artikolu ma humiex "exhaustive" izda huma "exemplicative". Fi kliem iehor, kull diskriminazzjoni (fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet imsemmija) hija projbita. Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Spadea and Scalabrino v. Italy***. Dik il-Qorti qalet hekk: *"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established,* inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated"* (A.315-B, p. 28). Il-Qorti hawnhekk tosserva l-uzu tal-kelma "similar" u mhux tal-kelma "identical". Mill-banda l-ohra ghandu jigi precisat li huwa biss "fit-tgawdija" ta' dawn id-drittijiet u libertajiet li d-diskriminazzjoni hi projbita; l-Artikolu 14 ma jipprojbix id-diskriminazzjoni b'mod generali. Fi kliem Harris, O'Boyle u Warbrick, *"Article 14 imposes an obligation on states to secure the non-discriminatory enjoyment of the rights and freedoms protected by the Convention. Where a right falls outside the Convention, such as the right of access to civil service employment, a state has no obligation to avoid*

[5] "…without discrimination on any ground…" fit-test originali ingliz.

*discrimination. In practice this is a significant restriction because a great deal of discrimination law is concerned with the enjoyment of economic and social rights, such as rights to employment or to pay or working conditions or to housing, none of which are concerns of the European Convention on Human Rights”* (*op. cit.* p. 464). U fi kliem il-Qorti Ewropea fil-kaz ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom*** (28/5/85, A.94, p. 35): *“Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

“3. Xi jfissru l-kliem “fall within the ambit of one or more of the [substantive provisions of the Convention and the Protocols]”? Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa pagni 710 sa 730 tal-ktieb ta’ van Dijk u van Hoof aktar ‘l fuq imsemmi, kif ukoll pagni 462 sa 488 tal-ktieb ta’ Harris, O’Boyle u Warbrick, ukoll imsemmi aktar ‘l fuq. Ezaminat ukoll pagni 169 sa 175 tal-ktieb ta’ Jason Coppel ***The Human Rights Act, 1998*** (John Wiley & Sons, Chichester, 1999) gentilment imqieghed a disposizzjoni taghha mid-difensur tar-rikorrenti. Minn dawn il-kitbiet, kif ukoll mid-decizzjonijiet li dawn l-awturi jirreferu ghalihom, din il-Qorti hi tal-fehma li biex ikollok vjolazzjoni tal-Artikolu 14 meta ma hemmx vjolazzjoni ta’ xi artikolu sostantiv, il-fatti lamentati u li jiddiskriminaw iridu jaqghu f’dak il-margini ta’ diskrezzjoni li l-istat ghandu fl-implimentazzjoni tad-disposizzjoni sostantiva, jew ikunu intimament konnessi mat-tgawdija ta’ dak id-dritt jew ta’ dik il-liberta` partikolari. Hekk, biex wiehed jaghti ezempju car, li kieku hemm ligi jew prassi li l-piena tal-mewt (wara sentenza ta’ qorti kriminali) tigi ezegwita fil-kaz ta’ nies bojod izda mhux ta’ nies suwed, l-esekuzzjoni tas-sentenza fiha nnifisha ma tkunx tikser l-Artikolu 2(1), izda tkun tikser l-Artikolu 14

moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)[6]. Issa, fit-trattazzjoni tieghu l-abbili difensur tar-rikorrenti ikkontenda li hemm diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 moqri flimkien ma' l-Artikolu 3 minhabba l-fatt li zewg pazjenti (MGM u CM) inghataw it-Taxol (mhux it-Taxotere) b'xejn ghall-kura tal-kancer tas-sider. Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk wiehed jikkoncedi li dan il-fatt hu wiehed diskriminatorju (a bazi tad-definizzjoni ta' "diskriminazzjoni" moghtija fil-kaz ***Spadea and Scalabrino***), dawn il-fatti ma jaqghux fl-ambitu la tal-Artikolu 3 u lanqas tal-Artikolu 2 proprju ghax ma jaqghux fil-margini ta' xi diskrezzjoni li l-istat ghandu fl-implimentazzjoni ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet sostantivi, kif ukoll peress li ma humiex intimament konnessi mat-tgawdija ta' dawn iz-zewg drittijiet. Kif diga inghad, il-Konvenzjoni ma taghti ebda dritt ghal kura medika b'xejn; l-Artikolu 3 ma jammetti ebda diskrezzjoni ta' l-istat fl-implimentazzjoni tieghu; filwaqt li l-fatti relevanti b'ebda mod ma jinkwadraw f'xi diskrezzjoni li l-istat jista' jkollu fit-tieni parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 2 (jigifieri t-tnehhija intenzjonali tal-hajja fl-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti). Fi kliem iehor, id-dritt ghall-hajja kif kontemplat fl-Artikolu 2 kif ukoll id-dritt li wiehed ma jkunx assoggettat ghal trattament inuman u degradanti ma huma b'ebda mod affetwati bil-"fatt diskriminatorju" li qed jigi prospettat mir-rikorrenti. Huwa veru li meta wiehed jara l-kaz ta' MGM (mhux tant il-kaz ta' CM) u l-kaz tar-rikorrenti wiehed ma jistax ma jikkonkludix li d-Dipartiment tas-Sahha qed japplika "double standards" fil-kaz ta' dawn it-tnejn: lil wahda pprovdilha "taxane" b'xejn anke qabel ma kien hemm l-"approval" formali ghax-xiri tad-droga Taxol fis-27/2/97, mentri lir-rikorrenti, li tinsab f'sitwazzjoni simili u ghandha bzonn droga simili (ghalkemm mhux identika) l-istess Dipartiment mhux jipprovdihielha. Dan huwa fatt li jinkwieta hafna lil din il-Qorti u ghandu jinkwieta aktar lill-intimat Direttur Generali; minkejja dak kollu li jista' jinghad dwar allokazzjoni ta' rizorsi, pariri tad-DTC u decizjonijiet iebsa li jkollhom jittiehdu fl-"interess pubbliku", il-fatt jibqa' wiehed diskriminatorju. Sfortunatament, izda, din id-diskriminazzjoni, ghar-

[6] Dan apparti, naturalment, minn dak li jipprovdi l-Protokoll numru 6 dwar il-piena tal-mewt.

ragunijiet aktar ‘l fuq imsemmija, mhix kolpita bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

“4. Din il-Qorti terga’ ttenni li din hi, fil-fehma taghha, il-posizzjoni skond il-ligi. Jekk etikament, moralment u politikament id-Dipartiment tas-Sahha hux gustifikat li ma jipprovdix it-Taxotere b’xejn lir-rikorrenti (u lil dawk in-nisa kollha li jinsabu fl-istess kundizzjoni bhala) hi kwistjoni ohra.

“**Decide**

“Ghall-motivi premessi (1) tillibera lill-Onorevoli Ministru tas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju, u (2) tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

**L-APPELL TAR-RIKORRENTI**

2.1. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u ghalhekk interponew appell minnha quddiem din il-Qorti ghal fini ta’ riforma taghha billi talbu li s-sentenza tigi kkonfermata in kwantu giet michuda l-eccezzjoni ta’ l-intimati appellati ta’ l-artikolu 469A tal-Kap. 12, izda tirrevokaha, thassarha u tannullaha fil-bqija taghha, inkluza d-decizjoni dwar l-eccezzjoni li l-intimat Onorevoli Ministru tas-Sahha gie mharrek hazin, ossija inutilment, b’dan ghalhekk li tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez kontra l-appellati.

2.2. L-aggravji tar-rikorrenti kif riportati fir-rikors tassew estensiv li fir-realta` aktar ghandu min-natura ta’ monografija jew nota ta’ sottomissjonijiet elaborata hafna, jistghu jigu in succint migburin fis-segwenti:
(1) li l-eccezzjoni li l-Onorevoli Ministru tas-Sahha gie mharrek “hazin ossija inutilment” giet akkolta zbaljatament, u wara li tqajmet ghall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni finali u wara li kien inghalaq l-istadju tal-provi;

(2) li l-ewwel Qorti interpretat, ikkonkludiet u ddecidiet zbaljatament fir-rigward ta’ l-allegat ksur ta’ l-artikolu 2 ta’

l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319. Dana l-artikolu jimponi l-obbligu tal-harsien tal-hajja min-naha ta' l-Istat. Ghalhekk ir-rifjut ta' l-Istat milli jipprovdi t-trattament opportun lir-rikorrenti u b'hekk "jaghtiha cans li tkompli tghix jammonta ghal lezjoni tal-protezzjoni tad-dritt ghall-hajja";

(3) l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin il-ligi. Kif ukoll ghamlet valutazzjoni jew apprezzament skorrett tal-punti ta' fatt u tad-dritt fir-rigward ta' l-allegat ksur tad-Dritt Fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti;

(4) l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin il-ligi u ghamlet valutazzjoni u apprezzament skorrett tal-punti ta' dritt u tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fir-rigward ta' l-allegat ksur tad-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI APPELLATI</u>**

3. L-intimati appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Dwar l-ewwel aggravju jsostnu li l-provi juru li l-Ministru tas-Sahha qatt ma kien involut b'xi mod f'din il-vicenda u kwindi ma kellu ebda *locus standi* f'din il-procedura.

Dwar it-tieni aggravju jsostnu li ma kienx minnu li bid-decizjoni mehuda mit-Tabib Principali tal-Gvern inkiser id-dritt ghall-hajja sancit taht l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Id-dritt ghall-hajja jrid jigi kkonsidrat ukoll fid-dawl tad-dritt ghall-hajja ta' cittadini ohra, membri ta' l-istess socjeta`.

Dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, dina bl-ebda mod ma tohrog mill-provi prodotti.

Fl-ahhar nett, l-argument li l-appellanti kienet soggetta ghal trattament inuman u degradanti hija barra minn lokha u m'ghandha ebda fondament b'riferenza ta' dak li jirrizulta mill-provi prodotti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4.1. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li ghal dak li jikkoncerna l-esposizzjoni tal-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, dawn jinsabu riportati *in extenso* kemm fir-rikors promotorju, kif ukoll fil-korp tas-sentenza appellata – li tifforma parti integrali minn din is-sentenza – u kwindi, u dan ukoll a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, ma hemmx raguni ghalfejn dawn il-fatti jergghu jissemmew ghal darb'ohra fit-tul.

4.2. Jigi biss rilevat, ghal fini ta' kjarezza, li l-attrici appellanti, li sfortunatament mietet fil-mori tal-proceduri in data tat-22 ta' Novembru 2000, (ara certifikat tal-mewt, a fol. 51 ta' l-atti tal-process), kienet tbati serjament mill-marda tal-kancer tas-sider, liema marda kienet anke waslet fi stadju ta' metastasi. Wara kors ta' kimoterapija ssomminstrat lokalment, l-appellanti marret ghal aktar kura fir-Royal Marsden Hospital fir-Renju Unit, u dan a spejjez taghha. Hawnhekk hija nghatat parir mediku fis-sens li l-aktar trattament effikaci ghall-pazjenta kien tramite l-uzu tad-droga medika maghrufa bl-isem ta' "Taxotere". Tali parir kien ukoll kondiviz mill-onkologu kuranti tal-pazjenta, jigifieri Dr. Victor Muscat. Billi l-prezz tat-Taxotere huwa gholi sew – fatt inkontestat kemm min-naha u kemm minn ohra – l-appellanti ghamlet talba biex tinghata b'xejn tali medicina mid-Dipartiment tas-Sahha, kif rapprezentat mid-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha (qabel in-nomenklatura kienet dik tat-Tabib Principali tal-Gvern), izda din it-talba giet rifjutata kemm a bazi ta' parir negattiv min-naha tad-"Drug and Therapeutics Committee" u ghaliex allegatament ma gietx segwita l-procedura idonea u stabbilita, f'talbiet simili.

5. L-appellanti allegat li ghalkemm tali kura setghet issalvalha hajjitha, u kwindi tali rifjut da parti ta' l-intimati qatt ma seta' jigi gustifikat, l-intimati xorta wahda baqghu jirrifjutaw li jibdlu d-decizjoni li hadu fil-konfront taghha. Dan ukoll, issostni l-appellanti, fi sfond fejn jirrizulta li pazjenta ohra nghatat il-medicina Taxol, a spejjez tal-Gvern, u meta t-Taxol, bhalma ma hu t-"Taxotere", kien jappartjeni ghall-istess grupp ta' medicinali maghruf bhala "Taxanes" jew "Taxoids". Mhux lecitu li persuna wahda tinghata kura b'medicinali ta' l-istess grupp, filwaqt li l-

appellanti ma tinghatax, sostnew l-appellanti. Dana meta r-rikorrenti appellanti kienet thallas kemm it-taxxi kif ukoll il-kontribuzzjonijiet dovuti tas-Sigurta` Socjali u kwindi kienet intitolata daqs kull cittadin/a iehor.

6. Skond ir-rikorrenti appellanti, l-agir ta' l-intimati kien jilledi (1) id-dritt fundamentali ghall-hajja kif iggarantit mill-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 2 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll (2) id-dritt ghall-protezzjoni tal-harsien minn diskriminazzjoni kif iggarantit fl-artikolu 14 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319; illi, inoltre, (3) dana l-agir kien jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti u jilledi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

7.1. Qabel ma dina l-Qorti tibda biex tiddelibera <u>profunditus</u> dwar l-aggravji ta' l-appellanti, thossha fid-dmir li taghmel osservazzjoni dwar certi sfumaturi, f'forma ta' kummenti da parti tal-legali ta' l-appellanti fir-rikors ta' appell, liema kummenti ftit li xejn jghinu ghar-rizoluzzjoni ta' din il-procedura, u kien ikun ahjar li kieku thallew barra mis-sottomissjonijiet li saru. Din il-Qorti tifhem li, meta xi hadd ihossu li gie aggravat b'sentenza, huwa naturali li fl-aggravji tieghu jkun hemm komponent ta' kritika dwar dak li jkun gie deciz. Fl-istess waqt pero` certi kummenti li jmorru kemmxejn 'l hinn minn dak li hu strettament legali jew fattwali, m'ghandhomx isiru. Per ezempju, fl-aggravju dwar ic-cahda mill-ewwel Qorti dwar l-allegat ksur tad-dritt ghall-hajja, l-appellanti tikkummenta *inter alia* hekk:
"…. allura l-ewwel Onorabbli Qorti mhux biss waslet ghall-konkluzjoni zbaljata, izda tilfet zewg opportunitajiet tad-deheb….."

7.2. Din il-Qorti tirrileva li l-Qrati mhux qeghdin hemm biex jaraw kif jaghmlu u jsarrfu procedura gudizzjarja f'ezercizzju li minnu jirrikavaw necessarjament xi "opportunita` tad-deheb", imma qeghdin hemm primarjament biex jizguraw li ssir gustizzja ma' kulhadd skond il-ligi. Aktar ma n-natura tal-kaz li jkollha quddiemha tkun delikata, u m'hemmx dubju li l-mertu tal-kaz in ezami huwa serjissimu, aktar ikun oneruz u difficli l-

kompitu li jkun jinkombi fuqha. F'kaz fejn hemm fin-nofs il-hajja ta' persuna umana, li fil-fatt mietet fil-mori tal-kawza, dan il-kompitu bilfors jattira impenn akbar minnaha tal-gudikant, minghajr pero` l-htiega ta' ezortazzjonijiet zejda f'dan ir-rigward.

8. Fit-tieni lok, ghalkemm il-Qorti tibqa' konxja ta' dak kollu li jkun hemm implikat f'kawza ta' din ix-xorta, hija ghandha dejjem tara li kollox jinzamm fuq binarju strettament legali, jigifieri 'l hinn minn kull illazzjoni ta' natura emotiva. Jidher ferm evidenti li l-istess animu kien prezenti meta l-ewwel Qorti, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, kellha l-okkazjoni li fil-bidu tad-deliberazzjonijiet approfonditi taghha irrilevat hekk:
"Din il-Qorti mhix imsejha biex tghaddi gudizzju etiku, morali jew politiku dwar l-operat ta' l-intimati, izda biss biex taghti gudizzju <u>legali</u> (jgifieri skond il-ligi) u dana limitatament ghar-rifjut tad-Dipartiment tas-Sahha li jipprovdi medicina partikolari – Taxotere – lir-rikorrenti minn fondi pubblici fic-cirkostanzi aktar 'il fuq spjegati. Anqas ma hi din il-Qorti msejha biex tiddeciedi dwar jekk f'Malta l-Istat hux jipprovdi l-ahjar kura medika possibbli ghall-marda tal-kancer tas-sider, jew jekk f'Malta l-incidenza ta' din il-marda hix oghla minn dik f'pajjizi ohra ta' l-Ewropa. Dak li din il-Qorti hi msejha biex tiddeciedi hu biss jekk l-agir ta' l-intimati fic-cirkostanzi fuq imfissra jiksirx o meno d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli tal-ligi appena msemmija".

9. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-impostazzjoni tal-kawza, minn punto di vista ta' ligi, li tat l-ewwel Qorti kien wiehed korrett, hlief li maghha kellu jizdied ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti kienu jesigu inoltre l-ghoti ta' <u>rimedji effettivi</u>, fosthom wiehed (forsi l-aktar wiehed impellenti fiz-zmien li ntalab) li llum f'kull kaz ma jista' qatt jinghata, jigifieri dak li, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghaliha, il-Qorti "tordna li t-trattament bit-'Taxotere' jigi pprovdut immedjatament mill-Gvern ta' Malta jew a spejjez tal-Gvern ta' Malta". Ghandu jigi rilevat pero` li, prezentement, in vista tal-mewt tar-rikorrenti Katerina Cachia, fil-mori tal-proceduri, din it-talba specifika llum sfat proceduralment ezawrita. Isegwi mela li f'kaz li din il-

Qorti kellha talvolta tilqa' l-aggravji ta' l-appellanti attwali, l-uniku rimedju li jkun fadal possibbli, apparti naturalment it-talbiet deklaratorji dwar allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa dak li jikkoncerna l-kundanna o meno ta' l-intimati appellati ghall-fini ta' rifuzjoni lill-familjari tal-mejta ta' l-ispejjez li ntefqu sa dakinhar biex seta' gie provdut minn buthom l-imsemmi trattament mediku, kif ukoll it-talba relattiva ghal min ghandu jgorr il-kap ta' l-ispejjez li skond is-sentenza appellata baqa' "bla taxxa bejn il-partijiet".

10.1. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti jissottomettu li l-Qorti ta' l-ewwel grad zbaljat meta ddecidiet li l-intimat appellat Onorevoli Ministru tas-Sahha kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu dik il-Qorti rriteniet li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mar-rifjut in kwistjoni.

10.2. L-appellanti jillanjaw mill-fatt li, skond huma, tali eccezzjoni ghall-fini ta' l-estromissjoni ta' l-Onorevoli Ministru giet biss sollevata da parti ta' l-intimati fil-kors tat-trattazzjoni finali u mhux qabel, jigifieri nghatat wara li nghalqu, l-provi.  Oltre dan, tali eccezzjoni kienet ukoll inkonsistenti ma' l-eccezzjonijiet l-ohra gia` ssollevati miz-zewg intimati.

11.1. Din il-Qorti, tibda billi tosserva li riferribilment ghal dana l-aggravju, l-appellanti jonqsu milli jindikaw kjarament il-ghala kien hemm tassew il-htiega li jigi mharrek ukoll bhala intimat il-Ministru tas-Sahha jigifieri in aggunta tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha. L-appellanti jikkoncentraw, minflok, fuq il-punt li la fl-eccezzjonijiet originali u lanqas f'dawk ulterjuri ma giet sollevata eccezzjoni specifika li tghid li l-Ministru tas-Sahha tharrek inutilment u li ghalhekk ma kienx legittimu kontradittur.

11.2. Issa huwa minnu li bhala fatt eccezzjoni specifika fis-sens imsemmi mill-appellanti ma hemmx, imma tajjeb li jinghad illi meta l-intimat Ministru tas-Sahha wiegeb, in linja difensjonali:
"illi l-agir taghhom b'ebda mod ma jista' jitqies illi qed jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnu pretiz"

li tali eccezzjoni, ankorke` maghmula f'termini generici ghall-ahhar u moghtija bhala eccezzjoni komuni ghaz-zewg intimati, xorta wahda setghet titqies li potenzjalment tikkomprendi fiha t-tezi li bl-agir tieghu fil-veci ta' Ministru, dana l-appellanti tharrek inutilment ghax m'ghamel xejn x'wiehed jiccensura. Del resto, anki l-bqija tan-nota responsiva ta' l-intimati (ara fol. 20 tal-process) hija indikattiva sufficjentement tat-tezi avvanzata minnhom li huma kienu jqisu n-natura tal-vertenza bhala wahda abbinata ma' operat ta' natura purament amministrattiva u ta' livell ta' dipartiment.

11.3. Lanqas ma jistghu jilmentaw l-appellanti li kien hemm xi "sorpriza" jew strapp procedurali fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, taht dana l-aspett, ghar-raguni li *ex admissis*, l-appellanti sahansitra jikkoncedu li dan il-punt gie vventilat u dibattut fl-istadju tat-trattazzjoni finali. Ghalhekk, u dan huwa l-qofol tal-materja in kwistjoni, kemm-il darba kellu jirrizulta, kif effettivament irrizulta, li l-Onorevoli Ministru tas-Sahha tharrek inutilment, isegwi allura li l-ewwel Qorti ghamlet sew u ghaddiet finalment biex tiddeciedi dwar dina l-eccezzjoni. Jirrizulta li sa mill-bidunett tal-kawza, l-intimati dejjem sostnew li bl-agir taghhom huma ma lledew ebda ligi tal-pajjiz, u kwindi ma hemm xejn li seta' jitqies bhala "inkonsistenti" f'eccezzjoni generika ta' din ix-xorta mal-kostatazzjoni, u eventwali decizjoni, li wiehed miz-zewg intimati ma kellu x'jaqsam xejn fil-vicenda in ezami, u li jfisser allura li gie effettivament imharrek ghal xejn u bla htiega.

11.4. Minn ezami akkurat tal-provi akkwiziti, jemergi kjarament li l-intimat Ministru tas-Sahha f'ebda stadju ma ndahal jew b'xi mod kellu x'jaqsam ma' l-operat tad-Dipartiment tas-Sahha u li kull decizjoni li ttiehdet f'din il-vicenda kienet taqa' ghal kollox fil-mansjoni ta' l-intimat l-iehor, jigifieri d-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha. Ghalhekk isegwi, li dana l-aggravju ta' indoli procedurali huwa infondat u qieghed jigi respint.

12. L-ewwel aggravju fil-mertu jikkoncerna l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:
"Id-dritt ghall-hajja ta' kulhadd ghandu jigi protett bil-ligi. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti…."

Skond l-appellanti, ir-rifjut min-naha ta' l-intimati li jipprovdu kura u trattament b'xejn lir-rikorrenti permezz tal-medicina "taxatore" kien jivvjola d-dritt taghha ghall-hajja billi huma jsostnu li pprovaw li din il-medicina kellha l-potenzjal li tipprolunga l-hajja ta' persuna marida bil-kancer tas-sider. Meta dan ir-rifjut isostnu l-appellanti, "jasal biex iqieghed fil-periklu l-hajja, allura hemm lezjoni" tal-precitat artiklu. Dana l-obbligu fuq l-Istat kien imur ferm oltre minn semplici "social right" kif hemm imnizzel fil-European Social Charter tal-1961. In-numru ta' pazjenti li ghandhom bzonn din it-tip ta' kura huwa numru zghir, u kien necessarju biex dawn ikollhom cans ikomplu jghixu.
13. Ezami tad-disposizzjoni invokata mill-appellanti juri kjarament li biex ikun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 319, il-privazzjoni tal-hajja da parti ta' min qieghed jiksirha trid tkun rizultat ta' xi att intenzjonat – li zgur m'huwiex il-kaz in ezami. Pero` l-appellanti jsostnu li l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ta' dan l-artikolu ghandha tkun wahda wiesa u "liberali", u dan ukoll fid-dawl ta' dak li gie ritenut mill-Qorti Europeja ta' Strasbourg fil-kaz X v. U.K. (ara ukoll 7154/73, 14 DR 13) jigifieri li l-Artikolu 2 (1) in kwistjoni,
"enjoins the State not only to refrain from taking life intentionally, but further, to take the appropriate steps to safeguard life".

14. Il-Qorti ta' Strasbourg irrimarkat hekk dwar l-applikabbilita` ta' l-Artikolu 2 fil-Konvenzjoni fil-kaz "Calvelli and Ciglio v. Italy" (Application no. 32967/96) – 17 ta' Jannar 2002.
"48. The Court reiterates that the first sentence of Article 2, which ranks as one of the most fundamental provisions in the Convention and also enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the

democratic societies making up the Council of Europe (see, among other authorities, *McCann and Others v. the United Kingdom*, judgment of 27 September 1995, Series A no. 324, pp. 45-46, § 147), enjoins the State not only to refrain from the "intentional" taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see *L.C.B. v. the United Kingdom,* judgment of 9 June 1998, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-III, p. 1403, § 36).

"49. Those principles apply in the public-health sphere too. The aforementioned positive obligations therefore require States to make regulations compelling hospitals, whether public or private, to adopt appropriate measures for the protection of their patients' lives. They also require an effective independent judicial system to be set up so that the cause of death of patients in the care of the medical profession, whether in the public or the private sector, can be determined and those responsible made accountable (see, among authorities, *Erikson v. Italy* (dec.), no 37900/97, 26 October 1999; and *Powell v. the United Kingdom* (dec.), no. 45305/99, ECHR 2000-V; see also *Işiltan v. Turkey*, no.20948/92, Commission decision of 22 May 1995, DR 81-B, p. 35)."

Hija l-fehma konsidrata ta' din il-Qorti li d-dritt ghall-hajja invokat mill-appellanti, ghalkemm certament ghandu dejjem jitqies bhala wiehed prioritarju, fl-istess waqt ma jistax jitqies li jikkomprendi xi dritt assolut ta' pazjent li jaghzel kura u medicini <u>partikolari</u> u li jirrikjedihom b'xejn mill-awtoritajiet pubblici. Fi kliem iehor, filwaqt li tali dritt ipoggi obbligu car u inekwivoku fuq l-istat biex jipprotegi l-hajja ta' kulhadd, ma jispecifikax ukoll li tali obbligu jrid jigi adempit ikunu x'ikunu c-cirkostanzi u irrispettivament minn konsiderazzjonijiet ta' persuni ohrajn afflitti minn mardiet daqstant iehor gravi, jew bla ebda rigward tal-limitazzjonijiet ta' rizorzi finanzjarji, fost ohrajn. Kif tajjeb jikkummentaw l-awturi Van Dijk u Hoof ("Theory of Practice of the European Convention on Human Rights". 2nd Ed. P.216) citati wkoll mill-appellati, dan l-artikolu

"does not in so many words confer a right to life, but imposes upon the national authorities an obligation to protect everyone's right to life, followed by a prohibition of intentional deprivation of life".

Id-decizjoni min-naha ta' l-intimat Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha li permezz taghha ma giex approvat ix-xiri tal-medicina "Taxotere" ghal kazi ta' "advanced cancer of the breast" ittiehdet wara li gew konsidrati diversi fatturi fosthom dak li ghad m'hemmx evidenza medika soda bizzejjed li turi li din il-medicina xxejjen din il-marda qerrieda.

Proprjament lanqas l-appellanti ma ppretendew dan, imma huma jsostnu li huwa bizzejjed li jigi ppruvat li din il-medicina hija "life prolonging". Issa ghalkemm kulhadd jista' jkollu l-fehma libera tieghu dwar dan il-punt, jirrizulta sufficjentement mill-provi prodotti li ma kien hemm xejn kapriccjuz jew azzardat f'dak li gie deciz li ghandha tkun il-"policy" dipartimentali li wassal ghal divjet tax-xiri u provista tat-"Taxotere" ghal kazijiet bhax-xorta li laqtu lill-appellanti Katerina Cachia, illum sfortunatament mejta. Li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jirrizulta li l-Istat kellu ghad-disposizzjoni tieghu rizorsi finanzjarji illimitati, allura r-ragjonament ta' l-appellanti kien iregi imma dan ma jirrizultax li hu l-kaz. Id-Direttur Generali lanqas jerfa' din ir-responsabbilita` hekk oneruza wahdu imma jiehu d-decizjoni opportuna in konsultazzjoni ma' kumitat kostitwit apposta jigifieri d-Drug and Therapeutics Committee (DTC), maghmul anke *in parte* minn specjalisti fil-qasam mediku. Id-decizjoni li ma tinxtarax it-"Taxotere" mill-fondi pubblici ghall-kazi ta' kancer tas-sider ittiehdet kemm a bazi ta' konsiderazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll ghaliex ic-certezza ta' remissjoni jew fejqan minn din il-marda tal-kancer tas-sider m'hijiex daqstant netta kif tippretendu l-appellanti. Jista' jkun il-kaz li ma' certi pazjenti l-prolungazzjoni tal-hajja tiehu xejra aktar pozittiva imma anke hawn jirrizulta mill-provi li hemm diversi fatturi li jistghu jikkontribwixxu ghal miljorament temporanju f'certi pazjenti. Ma hemm ebda prova pero` fic-cert li bit-tehid ta' 'Taxotere' bilfors ser ikun hemm xi prolungament tal-hajja tal-pazjent ghal xi zmien twil. F'kull kaz pero` lanqas ma

jista' jinghad li l-appellanti Katerina Cachia ma nghatatx "adequate medical care" min-naha ta' l-Istat. L-Istat ma jistax jikkunsidra kaz ta' pazjent wiehed u ma jiehux kont ta' pazjenti ohrajn bi htigijiet differenti f'dawk li huma trattament u provvista ta' medicini. Kif tajjeb inghad fil-kaz R. v. Cambridge Health Authority exp. B (a minor) citat mill-ewwel Qorti:
"Difficult and agonising judgments have to be made as to how a limited budget is best allocated to the maximum advantage of the maximum number of patients. That is not a judgment which the court can make".

Jizdied jinghad hawn li l-intimat Direttur Generali lanqas illimita jew ibbaza d-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet ta' spiza biss. Fil-fatt jirrizulta li stante li kellu l-parir li fil-kaz ta' mard tal-kancer fl-utru (uterine cancer), il-possibbilita` ta' remissjoni tal-marda kienet aqwa, huwa ma baqax lura milli jordna li ta' lanqas f'kazi ta' din ix-xorta tigi provduta medicina ta' l-istess kategorija sollecitata mir-rikorrenti.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dana l-aggravju u jidhrilha illi l-aggravju ta' l-appellanti dwar l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni huwa infondat u qieghed ghalhekk jigi michud.

15. L-aggravju l-iehor ta' l-appellanti huwa msejjes fuq allegata vjolazzjoni ta' l-artiklu 36 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem dwar protezzjoni kontra trattament inuman jew degradanti.

Bazikament il-pern ta' dana l-aggravju ta' l-appellanti jista' jingabar fis-silta segwenti mehuda mir-rikors ta' l-appell:
"Jidher illi (l-ewwel Qorti) kellha f'mohha biss is-sitwazzjoni fejn l-Istat iwaqqaf lir-rikorrenti milli tipprokura t-Taxotere a spejjez taghha u milli tircievi din il-kura. Izda l-Istat ikun ugwalment responsabbli ghal trattament inuman jew degradanti kemm-il darba jkompli jirrifjuta li jipprokura t-'Taxotere' fuq is-servizz nazzjonali tas-sahha meta t-'Taxotere' qed iwassal ghal 'partial remission' tal-marda tal-kancer (aktar u aktar meta jigi kkunsidrat illi t-

trattament bit-‘taxane’ l-iehor (Taxol) gie provdut lil pazjenti ohra bil-marda tal-kancer fuq is-servizz nazzjonali tas-sahha)”.

16. Apparti l-konsiderazzjoni li kull decizjoni fir-rigward ta’ dan l-aggravju llum tirrizolvi ruhha necessarjament – u sfortunatament ukoll – f’decizjoni ta’ natura deklaratorja minhabba l-mewt tar-rikorrenti fil-mori, din il-Qorti taht dana l-aspett ukoll hija tal-fehma li l-aggravju ta’ l-appellanti m’huwiex wiehed fondat u dan ghar-ragunijiet segwenti.

17. L-appellanti mill-gdid riedu jaghtu l-impressjoni li bis-somministrazzjoni tat-‘Taxotere’ kien ser ikun hemm xi kapovolgiment notevoli fil-kondizzjoni tar-rikorrenti – liema fatt pero` m’hu sorrett la mill-avvenimenti kif sehhew u lanqas minn dak li xehdu l-konsulenti medici bhal Dottor Carmel Mallia u l-konsulenti onkologi lokali. Hija ghalhekk ingusta l-asserzjoni li d-Dipartiment tas-Sahha ttratta b’mod inuman jew degradanti mar-rikorrenti. Ghall-kuntrarju, il-provi prodotti juru li d-Dipartiment ghamel dak kollu li seta’ – fil-limiti tar-rizorsi tieghu – biex jghin u jipprovdi trattament lil din il-pazjenta. Id-decizjoni li ma tinxtarax it-‘Taxotere’ min-nefqa ghall-provvista ta’ medicini lill-pubbliku in generali trid titqies fil-qafas usa u ferm aktar estiz, fejn id-Dipartiment ikollu jiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni. Kieku, per ezempju, ghall-grazzja tal-argument, l-appellanti ppruvaw li ma kien hemm ebda ostakoli fis-sens ta’ limitazzjonijiet finanzjarji u xort’ohra ghax-xiri tat-‘Taxotere’ jew intwera li b’xi mod l-intimat Direttur Generali tas-Sahha ostakola t-tehid tat-‘Taxotere’ mir-rikorrenti billi thallas minn flusha, allura seta’ jinghad li kien hemm vjolazzjoni, izda certament dana ma kienx il-kaz. Lanqas ma kien il-kaz fejn id-Dipartiment l-ewwel iddecieda li jixtri u jipprovdi lir-rikorrenti bit-‘Taxotere’ imbaghad, qabad u biddel fehmtu u waqfilha t-trattament. Huwa veru li d-Dipartiment gie mitlub mit-tobba onkologi, bhal Dr. Stephen Brincat, biex jikkonsidra l-akkwist tat-‘Taxotere’ biex jigi pprovdut ukoll lill-pazjenti afflitti bil-marda tal-kancer tas-sider izda kif gia` nghad, id-Dipartiment ha d-decizjoni <u>fil-konfront ta’ kulhadd</u> li, tenut kont ta’ numru ta’ konsiderazzjonijiet u

prioritajiet, tali rakkomandazzjoni ma setghetx tintlaqa'. Li hu zgur hu li fit-tehid ta' din id-decizjoni iebsa u difficli, id-Dipartiment ma qaghdx iqis lil din jew dik il-pazjenta partikolari, anzi ra kif ghamel biex jevita milli jikkunsidra l-"policy" tieghu billi joqghod jaddattaha jew ifassalha skond il-kaz partikolari. Kien ferm lodevoli l-gest tal-familjari tar-rikorrenti li ddecidew li jkunu solidali maghha billi jhallsu minn buthom biex tinxtara t-"Taxotere", izda l-Qorti ma tarax kif dana l-att seta' b'xi mod jikkondizzjona l-"policy" dipartimentali. Fil-kaz tal-pazjenta l-ohra li kienet gia` bdiet tircievi b'xejn, mill-Istat, it-"Taxanes", il-posizzjoni kienet differenti ghaliex f'dan il-kaz darba li l-pazjenta kienet gia` bdiet it-trattament u allura kien ikun ferm kontro-indikat li dan jitwaqqaf hesrem. Din il-Qorti altru milli tapprezza l-istat ta' ansjeta` u rammariku li d-decizjoni ta' l-intimat Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha kienet tohloq lir-rikorrenti u familjari taghha imma fl-istess hin ma tistax tabbina d-decizjoni li ma jinxtarax it-"Taxotere" ma' trattament inuman u degradanti a tenur ta' l-artikoli imsemmijn mill-appellanti. Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

18. L-ahhar aggravju jirreferi ghall-allegat ksur tad-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni ai termini ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja f'liema rigward l-appellanti jsostnu li nghatat interpretazzjoni tal-ligi kif ukoll saret applikazzjoni hazina tal-ligi. Fil-fatt l-appellanti ma joqghodux lura f'dik li hija kritika taht dana l-artikolu, u fir-rikors ta' l-appell hemm partijiet li, fil-fehma tal-Qorti addirittura jirrazentaw disprezz lejn l-awtorita` gudizzjarja bi frazijiet goffi (u kif ser jirrizulta, ghal kollox infondati u kwindi ingusti) bhal "allura (l-ewwel Qorti) waslet ghall-konkluzjoni kompletament zbaljata b'kontradizzjoni monumentali, kif jidher anke 'ictu oculi' mis-sentenza appellata". Wara li l-appellanti jaghmlu analizi ferm twila ta' decizjonijiet moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg u jaghtu l-fehma taghhom interpretattiva kemm ta' dawn id-decizjonijiet kif ukoll ta' dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad, l-appellanti jikkonkludu li l-ewwel Qorti naqset li tezamina:
(i) jekk kienx hemm "an objective and reasonable justification" min-naha ta' l-Istat biex ma johloqx differenza

fi trattament li tkun meqjusa bhala ta' natura diskriminatorja; u

(ii) jekk kenitx perswaza mill-argumenti migjuba mill-intimati li jirrendu d-differenza fit-trattament kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea.

19.1. Minbarra dan, l-appellanti jissottometti li kemm l-artikolu 2 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja huma "absolute rights" fis-sens, dejjem skond huma, "illi ma fihomx limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet li whud mill-artikoli sostantivi l-ohra ghandhom". Fl-ezami ta' l-artikolu 14, ghalhekk moqri flimkien ma' l-artikolu 2 jew ma' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, huwa aktar facli li wiehed jirriskontra vjolazzjoni ta' dan l-artikolu 14. Isegwi wkoll skond l-appellanti li l-kwistjoni dwar il-margini ta' apprezzament ta' l-Istat, imsemmija mill-ewwel Qorti, "ma tidhol xejn ghaliex, fir-rigward ta' dawn iz-zewg artikoli sostantivi l-Istat m'ghandux margini ta' apprezzament stante li huma 'absolute rights'." Ghalhekk ir-rifjut ta' kura li tista' tipprolunga l-hajja tar-rikorrenti kien jammonta ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha.

19.2. Fl-ahharnett, l-appellanti jaghmlu riferiment ghax-xiehda moghtija biex juru li ma hemmx dubbju li l-medicina 'Taxotere' hija 'analogue' tat-'Taxol', jigifieri li hija tappartjeni ghall-istess klassi ta' drogi u tintuza kemm-il darba "interchangeably".

20. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dovuta dan l-ahhar aggravju u hija tal-fehma li l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar trattament diskriminatorju a detriment tar-rikorrenti da parti ta' l-intimati hija ghal kollox infondata.

Ghandu fl-ewwel lok jirrizulta assodat mill-gurisprudenza kopjuza citata mill-appellanti stess li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma ghandux ezistenza indipendenti. Ma jistax ikollok vjolazzjoni taht dana l-artikolu, jigifieri, minghajr ma jkun hemm almenu konnessjoni ma' xi wiehed mid-drittijiet sanciti mill-Konvenzjoni. Gia` rajna *supra* li bhala fatt la rrizulta li kien hemm vjolazzjoni tad-

dritt ghall-hajja u lanqas tad-dritt kontra trattament inuman jew degradanti (artikolu 3). Madanakollu, huwa minnu li darba li l-appellanti qeghdin jallegaw li saret diskriminazzjoni in konnessjoni ma' l-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni, xorta tibqa' l-possibilita` ta' vjolazzjoni, kemm-il darba kellu jirrizulta fattwalment li kien hemm operat disriminatorju min-naha ta' l-intimati. Din il-Qorti pero`, u wara li gharblet sew il-provi akkwiziti hija tal-fehma li lanqas bhala fatt ma jirrizultalha li saret diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Katerina Cachia. Fir-Rikors ta' Appell, l-appellanti jaghzlu li jistriehu fuq ragjonament ibbazat fuq interpretazzjoni selettiva u soggettiva ta' certi fatti li jemergu mill-provi, izda konvenjentement jevitaw milli jsemmu fatti ohrajn li minnhom jemergi car u tond kemm l-operat ta' l-intimat Direttur Generali tas-Sahha kien proprju mmirat biex kull decizjoni li tittiehed tkun a bazi ta' "policy" li tkun tghodd ghal kulhadd u mhux biex taqdi xi pazjenta partikolari. It-tabib Dottor Ray Busuttil, jigifieri l-persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tas-Sahha, l-intimat appellat odjern, ghamilha cara li hu ma riedx ikompli bil-prassi li sab vigenti qabel ma beda jiffunzjona hu *qua* Direttur Generali, li permezz taghha kienu jsiru talbiet ghall-provvista ta' medicina partikolari specifikatament abbinati ma' isem ta' pazjent jew pazjenta. Prassi bhal din, f'cirkostanzi hekk gravuzi u serji bhax-xorta trattati f'din il-kawza, facilment setghet taghti lok ghall-abbuz, kompriza d-diskriminazzjoni. Dan ghaliex meta wiehed jigi rinfaccjat b'isem u kaz ta' persuna partikolari, wiehed bla ma jrid facilment jimmedezima ruhu mal-bzonnijiet partikolari ta' dik il-persuna biss u ma jarax fl-istess waqt il-kwadru shih u usa tas-sitwazzjoni fil-qasam tat-thaddim ta' l-iskema nazzjonali tas-sahha.

21. Il-bran segwenti mehud mid-deposizzjoni moghtija mill-intimat Direttur Generali, Dr. Ray Busuttil, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2000, hija elokwenti bizzejjed biex turi kemm l-intimat ried izomm 'l boghod minn kull possibilita` li ssir xi forma ta' diskriminazzjoni ma' xi pazjent/a partikolari a skapitu ta' pazjenti ohrajn. Mistoqsi mill-abbli difensur ta' l-appellanti jekk ix-xhud setax jorbot l-ghoti tal-medicina 'Taxol' ma' pazjenta bil-kunjom Mizzi, l-intimat

Dr. Busuttil wiegeb hekk (ara xhieda a fol. 25 u 26 tal-process):-
"Tista' torbtu (i.e. t-Taxol) ma' liema isem li trid, ghalija ma jaghmilx differenza. Nixtieq naghmel punt hawnhekk, li jien meta jigu biex napprova medicina, ma jkollix l-isem tal-pazjent, jien jigini "Patient AB", "Patient XY", jigifieri l-isem tal-pazjent, min hu l-pazjent ma nafx, nahseb tajjeb ukoll, illi nispjega daqsxejn il-process li bih jintghazel. Jiena lhaqt Direttur Generali hmistax-il xahar ilu, wahda mill-funzjonijiet tieghi li sibt kienet li jiguni proprju dawn ir-requests, "Patient AB" u "Patient XY", ibati minn dit-tali marda, wiehed ghandu dit-tali kondizzjoni biex nixtrulu t-tali medicina, u jiena sibt ruhi f'posizzjoni fejn jien irrid niddeciedi persuna tinghatax it-tali medicina jew le u jiena hassejt li dika ma kenitx posizzjoni illi Direttur ghandu jkollu, taghmlek *a little demigod* kollox jiddependi fuqek, il-pazjent jiehux it-trattament jew le, u deherli li biex ikun hemm it-trasparenza u l-ekwita` fl-ghoti tal-medicini, l-procedura kellha titbiddel u fil-fatt wahda mill-ewwel affarijiet amministrattivi li ghamilt kienet illi biddilt il-procedura u l-procedura li dahhalt kienet meta konsulent irid li medicina tiddahhal fil-formularju, cioe` li meta medicina tinxtara mid-Dipartiment, tinxtara medicina gdida, irid jaghmel il-kaz tieghu, jghid x'inhi l-medicina, ghal xiex tintuza, fuq liema pazjenti ghandha tintuza, x'beneficcji dawn il-pazjenti ha jintuzaw (sic), in-numru ta' pazjenti li janticipa li jkollhom bzonnha, l-prezz illi jkun fiha, a whole case, jaghmel kaz fuq il-medicina, mhux fuq il-pazjent, dak il-kaz jigi diskuss mid-D.T.C., id-D.T.C. jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, jigi evalwat mid-Dipartiment, issir decizjoni fuq il-medicina bla pazjenti attaccjati maghha, jekk dik il-medicina ghandiex tinxtara jew le, la darba tittiehed id-decizjoni, il-Medical Store jinghata d-direzzjoni biex jixtruha, meta l-medicina tkun available, il-konsulenti jigu nfurmati li issa jistghu jibdew jiksbu dik il-medicina fid-Dipartiment. Din kienet sistema li hassejt li kienet aktar gusta, sistema li hija aktar trasparenti u certament din hija s-sistema li din l-ahhar sena dejjem addottajna ghal medicini godda."

22. M'hijiex il-funzjoni certament ta' din il-Qorti li tissostitwixxi din id-diskrezzjoni b'dak li kienet taghmel hija

f'cirkostanza analoga imma f'kull kaz jidhrilha li l-approcc da parti ta' l-intimat Direttur Generali biex ifassal "policy" korretta u gusta fil-konfront tal-pubbliku in generali kien wiehed ineccepibbli. Issa jekk gara li xi pazjenta partikolari lahqet inghatat medicina 'Taxol' – mhux 'Taxotere' – fuq l-iskema nazzjonali minhabba premessa inezatta li hija kienet qeghdha tbati minn kancer ta' l-ovarji meta fil-fatt kienet qeghdha tbati minn kancer tas-sider, l-istess bhar-rikorrenti Katerina Cachia, b'daqshekk zgur ma jistax jigi ritenut li saret xi forma ta' diskriminazzjoni, kif sostnew zbaljatament l-appellanti. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, qieset sew il-provi kollha akkwiziti biex tara jekk sehhitx xi diskriminazzjoni a skapitu tar-rikorrenti, fis-sens tal-ligi, u hija tal-fehma li l-ebda diskriminzzjoni ta' din ix-xorta ma giet kommessa. Ghalhekk isegwi li dan l-ahhar aggravju wkoll huwa infondat u qieghed jigi respint.

23. Fl-ahharnett isegwi li l-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez fir-rigward ta' dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad meta tat is-sentenza taghha, jigifieri li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, huwa bla bazi billi ma jidhirx li hemm lok li dan ghandu jigi b'xi mod varjat.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata, tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez ta' dana l-appell kontra taghhom, u b'dana li dak li gie deciz dwar il-kap ta' l-ispejjez relattivament ghall-ewwel istanza jibqa' kif hemm deciz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------